Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI**

**ID-DISGĦA LEĠISLATURA 2024**

**SEDUTA NUMRU 1**

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi iltaqa f'seduta nhar it-Tnejn 08 ta' Lulju 2024 fl-16.40

**Preżenti:**

| | | |
|---|---|---|
| Noel Muscat | - | Sindku |
| Jordan Galea Pace | - | Viċi Sindku |
| Rowena Scicluna | - | Kunsillier |
| Mary Anne Abela | - | Kunsillier |
| Miguel Balzan | - | Kunsillier |
| Teresa Valentino | - | Kunsillier |
| Anna Pisani | - | Kunsillier |
| Edgar Rossignaud | - | Kunsillier |
| Lucia Vassallo | - | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti: Clarissa Buhagiar – Segretarju Eżekuttiv

*Għal din is-Seduta kien hemm preżenti wkoll il-Kummissarju tal-Ġustizzja – Dr. L. Busutill.*

Il-Kunsillier M. Abela qalet it-talba. Bħala l-iktar persuna li ilha isservi f'dan il-Kunsill fetħet din is-Seduta billi ferħet lil dawk kollha eletti u rringrazzjat wkoll lil dawk il-kandidati li offrew li jkunu ta' għajnuna imma sfortunatament ma ġewx eletti.

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv

**1.1 Aċċettazzjoni tal-Karigi – Sindku/ Viċi Sindku**

Il-Kummissarju tal-Ġustizzja staqsa lil Kunsillier Noel Muscat li ġie elettt bħala Sindku jekk hux lest li jaġixxi bħala Sindku skont l-att tal-Kunsilli Lokali. Is-Sur Noel Muscat aċċetta din il-kariga u ħa l-ġurament hekk kif rikjest.

Il-Kummissarju tal-Ġustizzja staqsa lil Kunsillier Jordan Galea Pace li ġie elettt bħala Viċi-Sindku jekk hux lest li jaġixxi bħala Viċi Sindku skont l-att tal-Kunsilli Lokali. Is-Sur Jordan Galea Pace aċċetta din il-kariga u ħa l-ġurament hekk kif rikjest.

Is-SE flimkien mal-Kunsilliera l-oħra awguralhom kull suċċess fil-karigi rispettivi tagħhom.

*Is-Sindku seta' jippresedi din is-Seduta. Il-ħin kien 17.15*

**1.2 Seduti tal-Kunsill**

Skont l-Aġenda uffiċċjali tal-Kunsill, is-Sindku staqsa jekk hemmx xi suġġerimenti ta' meta se tibda' tiġi skedata s-Seduti tal-Kunsilli. Il-Kunsillier R.Scicluna ssuġeriet li jekk dejjem hemm qbil, nistgħu nżommu l-ġurnata ta' Tnejn sabiex jsiru dawn is-seduti. Is-Sindku informa li normalment nibdew fl-16.30.

Wara diskuzzjoni, kien hemm qbil unanimu dwar din il-materja. Is-SE infurmat li fl-aħħar ta' kull Seduta tal-Kunsill irrid jkun hemm qbil ta' meta se ssir seduta li jmiss skont l-*iStanding Orders* tal-Kunsilli Lokali li kienu ġew ppreżentati lil kull Kunsillier qabel din is-Seduta.

**1.3 Assenjazzjoni ta' responsabiltajiet tal-Kunsillieri**

Is-Sindku qassam lista lil kull Kunsillier bi dekasteri rispettivi tagħhom. Din il-lista se tkun annessa ma' dawn il-Minuti bħala App. A. Huwa nforma li sinċerament jemmen li kull Kunsillier għandu dekasteri mportanti ħafna għal ġid kollu ta' lokalita'.

Il-Kunsillier R.Scicluna nfurmat li għalkemm hija lesta li toffri kull għajnuna u tkun fil-karigu ta' dekasteri li ġew ippreżentati lilha; hija xtaqet li tkun involuta fil-qasam ta' saħħa. Is-Sindku nforma li jekk kemm-il darba hemm il-qbil mal-Kunsillier A.Pisani, dan id-dekasteru partikolari jista' jiġi trasferit lilha. Il-Kunsillier A.Pisani ma kellha l-ebda oġezzjoni dwar dan.

Is-Sindku nforma li huwa se jkun qed jieħu r-responsabilta' ta' dawn il-qosma:

- Proġetti Kapitali
- Skart
- Infrastruttura u spazji miftuħa
- Xogħlijiet ta' toroq ( sinjali ta' toroq)

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv

**1.4 Sotto-Kumitati**

Is-Sindku nforma li ċertu xogħlijiet/proġetti jkunu jeħtieġu li jinħolqu sotto-kumitati partikolari għaldaqstant ġie deċiż li jsiru dawn is-sotto kumitati:

- Bord ta' l-aġġudikazzjoni ta' sejħiet ta' l-offerti
  Noel Muscat – Chairperson, Rowena Scicluna, Miguel Balzan u Edgar Rossignaud

- Kumitat ta' l-attivitajiet – SwieqiFest/ Swieqi Christmas
  Mary Anne Abela- Chairperson , Teresa Valentino, Rowena Scicluna, Jordan Galea Pace

**1.5 Kommunikazzjoni Urġenti mis-Sindku**

1.5.1 Is-Sindku nforma li issa li x-xogħlijiet minn naħa ta' IM issa fi Triq il-Miżura tlestew kollha u għalhekk sa din it-triq hija miftuħa kompletament għat-traffiku u għaldaqstant issuġerixxa li t-tibdil temporanju li installaw IM f'din iż-żona jitneħħa kompletament u jerġa' jiġi kollox eżatt kif kien oriġinaljament. Hu ssuġerixxa li ninfurmaw lil residenti permezz ta' post fuq il-paġna uffiċċjali tal-Kunsill dil-ġimgħa u bħal llum ġimgħa jinqalgħu t-tabelli kollha. Kien hemm qbil unanimu.

1.5.2 Huwa nforma li rċieva rapporti serji dwar *chimes* li hawn installati fil-ġnien ta' Ċentru Ċiviku. Allegatament dawn qed jindaqqu anke fil-ħinijiet tard filgħaxija u kmieni filgħodu, tant li qed idejqu xi residenti li joqgħodu madwar dan l-istess ġnien. Il-Kunsillier R.Scicluna u l-Viċi Sindku J. Galea Pace infurmaw li huma rċevew dawn it-tip ta' ilmenti. Il-Kunsillier M.Balzan u A.Pisani ma qablux li dawn *chimes* għandhom jiġu maqlugħa peress li din żgur li ma tiġrix ta' kuljum u li żgur mhux mistħoqq li it-tfal jiġu mċaħħda li jkunu esposti għal dawn l-instrumenti.
Wara diskuzzjoni fid-dettal, ġie deċiż li jintalbu stimi sabiex dawn *chimes* jiġu maqlugħa u jitwaħħlu isfel fejn il-bieb prinċipali tal-Kunsill. Is-SE infurmat li hekk kif ikollha dawn l-istimi se tinforma lil kull Kunsillier.

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv

**1.5 Kommunikazzjoni Urġenti mis-Sindku - ikompli**

1.5.3 Is-Sindku nforma li issa li ġiet sottometta l-applikazzjon ta' żvillup ta' l-art ta' wara l-bini tal-Kunsill, huwa jħoss il-bżonn li l-Kunsill kollu jrid jitfa' iktar pressjoni ma' kull entita' kkonċernata sabiex kemm jista' jkun din l-art tiġi mixtrija mill-Gvern Ċentrali għal ġid komuni tal-lokalita'. Hu nforma li l-Perit Valentino diġa' pprepera l-oġezzjoni tal-Kunsill u jekk kemm-il darba hemm qbil, din tista; tiġi sottometta. L-oġezzjoni ġiet ppreżentata lil kull Kunsillier. Kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti sabiex din tiġi sotometta. Is-SE infurmat li se tkun qed tibgaġt din l-oġezzjoni aktar tard illum.

*Il-Kunsillier T.Valentino talbet sabiex tkun skużat. Il-ħin kien 18.45.*

1.5.4 Huwa nforma li hekk kien kien antiċipat, il-problemi fil-lokalita' marbuta ma' l-istaġun tas-Sajf splodew b'mod alarmanti tant li diversi resident huma mxebbgħa sew b'din is-sitwazzjoni. Is-Sindku nforma li fl-aħħar jiem huwa kkomunika wkoll mal-Kummissarju tal-Pulizija. Sfortunatament sa llum għadna ma rċevejnix lura minn għand il-Kummissarju. Il-Kunsillier M.Balzan informa li għalkemm is-Swieqi minn dejjem kellu dawn l-isfidi partikolari minnħabba l-fatt li ninsabu viċin ħafna ta' Paceville, ir-residenti jistħoqqilhom li jkunu siguri u jħssuhom komdi fi djarhom. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li ssir laqgħa ma' l-Onor. B. Camilleri dwar din il-materja.

*Il-Kunsillier R.Scicluna talbet sabiex tkun skużat. Il-ħin kien 19.08.*

**1.6 Kommunikazzjoni Urġenti mill-Kunsilliera**

Mill-Kunsillier E.Rossignaud

Huwa nforma li ta' spiss qed ikollu lmenti dwar il-bankina li saret minn naħa ta' IM fi Triq il-Qasam k/m Triq Sant Andrija. Fil-fehma tiegħu din il-bankina qed bla użu u l-vetturi jistgħu iġarrbu l-ħsarat. Huwa ppreżenta ritratt ta' din il-bankina. Is-Sindku nforma li dwar din il-materja nistgġu nerġgħu niġbdu l-attenzjoni ta' IM.

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv

## 1.5 Kommunikazzjoni Urġenti mill-Kunsilliera – ikomplu

Mill-Kunsillier M. Abela

Il-Kunsillier infurmat li skont ma ġie deċiż fil-leġislatura preċidenti nhar it-Tnejn 22 ta'Lulju se ssir Festa Madliena u għaldaqstant ħeġġet lil kull Kunsillier sabiex jattendi bħala l-ewwel attivita' uffċċjali tal-Kunsill.

Hija nfurmat wkoll li fi xhur li għaddew żewġ residenti miż-żona ta' Victoria Gardens kienu talbu sabiex jiffinanzjaw CCTV Cameras fid-daħla ta' din iż-żona. Wara li r-residenti kollha ta' Victoria Gardens ġew mitluba jgħaddu l-opinjoni tagħhom, issa wasal żmien li niltaqgħu magħhom sabiex nipproċedu. Wara diskuzzjoni, ġie propost li niltaqgħu fi 29 ta' Lulju. Hija se tkun qed tinforma li dawn iż-żewġ residenti l-ewwel.

Din is-seduta spiċċat fis- 19.30. Wara diskuzzjoni fit-tul,
ġie deċiż minn dawk preżenti li s-Seduta li jmiss ssir nhar il-Ġimgħa 19 ta'Lulju fl-16.30.

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv